

# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NOVEMBRU 09 – ID-29 SENA – GĦADD 294 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

148212

















3 **Dik Ħajja!**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Qalb Intelliġenti**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap, Isqof ta' Malindi – Kenja

7 **Poeżija**
minn Lawrence Attard

8 **Il-Kanċer tal-Pulmun**
minn Dr Josef Micallef MD, MRCP(UK)

10 **Novella**
minn Emily Barbaro-Sant

12 **Saħħa**
minn Dr Mario Saliba MD

14 **Anniversarju**
**P. Pietru Pawl Schembri OFMCap**

17 **Spiritwalità**
minn Manwel Micallef

18 **Problemi Soċjali**
minn Fr Hilary Abela OFMCap

20 **Vokazzjoni**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

21 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

22 **Ġustizzja**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

23 **Missjoni - Kuba**
minn Fr Philip Cutajar OFMCap

24 **Novembru - Ix-Xahar Tal-Erwieħ**
minn Kav Joe M. Attard

26 **Il-Bolol ta' Malta (17)**
minn Tony C Cutajar

27 **Il-Kunsill Lokali tal-Għarb, Għawdex, jonora lil Fr Spiro Galea Kapuċċin**

28 **San Franġisk fid-Divina Commedia ta' Dante Alighieri**
minn Patrick Sammut

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Momument ta' San Franġisk bin-nagħġa fil-Bażilika ta' Sta Marija tal-Anġli, Assisi, Italja.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2009
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# DIK ĦAJJA!

Fix-xahar ta' Novembru niftakru f'dawk li ħallewna. Bħala turija tal-imħabba u r-rispett tagħna norganizzawlhom il-quddies u mmorru nżuru l-fdalijiet tagħhom fiċ-ċimiterji u nitolbu għalihom.

Din hija parti żgħira minn realtà iktar wiesgħa, sabiħa u ta' kuraġġ liema bħalu. Fil-fatt ix-xahar ta' Novembru jfakkarna fis-sbuħija u fil-kuraġġ li tagħtina l-ħajja ta' dejjem. Meta niftakru f'dawk li ħallewna, il-fidi tagħna taċċertana li dawn ħutna bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu qegħdin f'ħajja form aħjar milli kellhom hawn fostna. Ix-xahar ta' Novembru jfakkarna fil-wegħda li għamlilna Ġesù nnifsu meta qalilna li fejn ikun hu nkunu aħna wkoll. **"Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll. Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu. U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi, biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll"** (Ġw 14:1-3).

Waħda mis-setet I hud ta' żmien Ġesù, is-Sadduċej, kienet tippriedka li mhemmx ħajja ta' dejjem. Anki llum ssib nies li jgħidulek li l-Ġenna u l-Infern qegħdin f'din id-dinja u wara din il-ħajja mhemm xejn. Il-bniedem jispiċċa jeżiżti jew inkella jirrinkarna ruħu f'xi ħaġa jew f'xi ħaddieħor. Dan hu tagħlim żbaljat. Il-Kelma ta' Alla hija ċara. **"Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Kristu mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa tal-Ispirtu li jgħammar fikom"** (Rum 8:11). **"Se nħabbrilkom misteru: aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda lkoll nitbiddlu, f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn mal-aħħar tromba, u l-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in nuqqas ta' taħsir, u dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità. Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub: 'Inbelgħet il-mewt fir-rebħa'"** (1Kor 15:51-54).

**"Għalhekk, ħuti għeżież, żommu sħiħ, titħarrkux; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej mhijiex għalxejn"** (1Kor 15:58). U l-ħlas huwa żgur. **"Għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal dawk li jħobbuh"** (1Kor 2:9). Dik ħajja! •

# IL-PJAN TA' ALLA





Il-Bibbja hi l-ktieb tar-rivelazzjoni. U l-aqwa rivelazzjoni hi dik fuq il-pjan ta' Alla għas-salvazzjoni tal-bniedem. Sa mill-ewwel versi, **"fil-bidu"** tal-istorja tal-ħolqien tgħarrafna li l-pjan oriġinali ta' Alla meta ġie biex joħloq kien dak li jagħmel lill-bniedem – l-opra tas-sitt jum u l-aħħar waħda fost l-oħrajn kollha – is-sultan hieni tagħhom ilkoll. Lill-ħlejjaq l-oħra – **"il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru, il-bhejjem tad-dar u l-bhejjem selvaġġi, u l-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art"** – Alla ħalliehom jiġġerrew mad-dinja kollha. Imma lill-bniedem qiegħdu fuqhom ilkoll, biex jaħkimhom u jinqeda bihom għall-ħtiġijiet tiegħu. Għax lill-bniedem – raġel u mara – Alla ħalqu fuq ix-xbieha tiegħu.

## FL-GĦEDEN

U berikhom Alla u qalilhom: **"Nisslu u oktru, u mlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art."** Din hi l-figura tal-ħolqien tal-bniedem skont l-ewwel rakkont tal-Ktieb tal-Ġenesi (1:26-31). Turi d-dinjità tal-bniedem fil-ħsieb ta' Alla l-Ħallieq. Minn dan il-ħsieb hu ispirat is-Salm 8 li jxandar ukoll il-kobor tad-dinjità tal-bniedem kif tidher fil-ħolqien.

**"Xinhu l-bniedem biex tiftakar fih,<br>bin il-bniedem, biex taħseb fih?<br>Ftit inqas mill-allat għamiltu<br>bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,<br>qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' jdejk!"** (vers 5-7).

Ir-rakkont l-ieħor tal-ħolqien tal-bniedem (Ġen 2:7-8; 18-24) juri b'qawwa akbar l-imħabba kbira ta' Alla l-Ħallieq lejn il-bniedem. Ma ħalqux u telqu għal riħu, kif għamel mal-ħlejjaq l-oħra. Lill-bniedem, wara li ħalqu, żammu miegħu f'daru, fil-ġnien tiegħu. stmah bħal membru tal-familja tiegħu, daqslikieku kien ibnu.

l-awtur juri 'l Alla bħal xi sinjur kbir jew xi sultan tal-orjent ta' dak iż-żmien, li jżomm f'daru bniedem barrani mhux bħala lsir, iżda bħala ħabib tal-qalb. Ħallielu f'idejh il-ġnien tiegħu biex **"jaħdmu u jħarsu"** u wkoll biex igawdih u jiekol mill frott tas siġar tiegħu.

Dan kien l-Għeden, **"ġnien il-hena"**. Bil-figura ta' dan il-ġnien sabiħ, l-awtur tal-Ġenesi fehem jurina l-istat hieni tal-bniedem fl-għaqda u l-ħbiberija ma' Alla. Il-bniedem fl-Għeden ifisser li sakemm hu jkun ħabib ma' Alla, bħall-iben f'dar missieru, xejn ma jkun jonqsu, isib kull ma jrid u kull ma tixtieq qalbu. Ikollu miegħu 'l Alla li ħalqu u ma' Alla tiegħu jkollu kollox. Qalbu tkun fil-hena u moħħu fil-mistrieħ.



Dan hu l-pjan oriġinali ta' Alla għall-bniedem. **"Alla ħalaq il-bniedem biex ma jmutx u għamlu xbieha tiegħu nnifsu"** (Għerf 2:23). Għamlu ibnu u għollieh sa mill-bidu għad-dinjità ta' ibnu. U hekk riedu jgħix ta' ibnu.

## IMMA...

**"Bl-għira tax-xitan daħlet il-mewt fid-dinja"** (Għerf 2:24). U l-mewt daħlet minħabba d-dnub.**"Kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub u permezz tad-dnub il-mewt"** (Rm 5:12).

Dawn l-affermazzjonijiet huma bbażati fuq dak li naqraw fil-Ktieb tal-Ġenesi fuq il-waqgħa tal-bniedem fid-dnub (Ġen 3:1-19). Dan ir-rakkont hu drammatizzat b'qawwa kbira u b'fantasija ħajja. Imma jwassal il-messaġġ tal-verità. Il-verità hi li bid-diżubbidjenza tiegħu għall-ordni li tah Alla (Ġen 2:16-17), il-bniedem ħadha kontra Alla u kiser ir-relazzjonijiet ta' ħbiberija tiegħu miegħu. Għamel bħall-iben li jikser l-ordni ta' missieru. Alla, li ħalqu, kien qed jittrattah ta' ibnu, u l-bniedem għażel li jmur kontra r-rieda tiegħu.

## U WAQA'

Waqa' fid-dnub għax kiser l-ordni ta' Alla. Din kienet waqgħa tal-biża' għax il-bniedem waqa' mill-għoli tad-dinjità li fiha Alla qiegħdu sa mill-bidu, id-dinjità ta' ibnu li jkun bħal membru tal-familja tiegħu. Kien fl-għoli u waqa' fil-baxx. Waqa' mal-art. U mill-waqgħa kerha tiegħu ma seta' qatt iqum minnu nnifsu u bil ħila tiegħu.

L-awtur tal-Ġenesi jkompli jurina r-reazzjoni min-naħa ta' Alla għal din l-azzjoni ngrata ta' **"ibnu"**. Fl-istat li kien, ngħidulu tad-dnub, ma setax iżommu aktar f'daru. Għalhekk kellu jasal biex ikeċċih 'il barra mill-ġnien tiegħu (Ġen 3:22-24). L-awtur ifisser l-azzjoni ta' dan il-kastig bi drammatizzazzjoni ħajja tat-tkeċċija tal-bniedem mill-Għeden. **"U ħareġ (Alla) lill-bniedem, u qiegħed il-kerubini n-naħa tal-lvant tal-ġnien tal-Għeden, u s-sejf tan-nar iżiġġ, biex iħarsu t-triq għas-siġra tal-ħajja"**.

Din id-deskrizzjoni kerha tfisser li hekk inqatgħet kull ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Il-bniedem tkeċċa 'l barra minn dar Missieru u tilef id-dinjità tiegħu ta' bin Alla.

## IL-WEGĦDA TAL-FEDDEJ

Madankollu, Alla, min-naħa tiegħu, jekk fil-ġustizzja tiegħu kellu jikkundanna l-att tad-diżubbidjenza tal-bniedem u jasal biex jagħtih il-kastig, fl-imħabba tiegħu ta' Missier wasal biex iddeċieda wkoll li hu nnifsu f'xi żmien kien se jehles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub u jerġa jagħnih bid-dinjità ta' ibnu. L-awtur tal-Ġenesi ħabbar din id-deċiżjoni jew digriet ta' Alla bil-versi tal-ġlieda bejn nisel is-serp u nisel il-mara li tintemm bir-rebħa ta' nisel il-mara fuq nisel is-serp. U l-Mulej Alla qal lis-serp: **"Jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jisħaqlek rasek u int tisħaqlu għarqubu"** (Ġen 3:15).

Dan hu dak li nsejħulu **"il-proto-evanġelju"**, l-evanġelju jew l-aħbar it-tajba mogħtija sa mill-ewwel żmien. Hu t-tħabbira hienja li, għalkemm il-bniedem bl-opra tas-serp (ix-xitan) kien waqa' lsir tiegħu, kien se jiġi wkoll mifdi mill-jasar bl-opra ta' dak li kellu jiġi (nisel il-mara) u jerġa' jkseb l-istat ta' bin Alla, li fih kien maħluq sa mill-bidu.

Dan hu tmiem l-ewwel att tad-dramm tas-salvazzjoni skont il-mod li bih tippreżentah ir-rivelazzjoni biblika tagħna. Hu att negattiv li jqegħdilna quddiem għajnejna x-xenarji koroh tal-waqgħa tal-bniedem fid-dnub u tal-konsegwenzi makabri li ġieb miegħu f'din id-dinja tagħna l-bnedmin. Tellifna l-ħbiberija ma' Alla li fiha konna maħluqa sa mill-bidu, waqqagħna fil-baxx mill-għoli tad-dinjità ta' wlied Alla u ħariġna 'l barra minn dar Missierna. **"Kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-dnub u permzz tad-dnub il-mewt"** (Rm 5:12).

Madanakollu, dan ma kienx it-tmiem tal-opra tas-salvazzjoni tal-bniedem, skont il-pjan oriġinali ta' Alla. **"Alla ħalaq il-bniedem biex ma jmutx, u għamlu xbieha tiegħu nnifsu"** (Għerf 2:23). U l-pjan ta' Alla jseħħ żgur, xejn ma jista' jġibu fix-xejn, lanqas id-dnub. Għalhekk il-bniedem bid-diżubbidjenza tiegħu għall-kmand ta' Alla ma rnexxilux ifixkel il-pjan li Alla stabbilixxa sa mill-bidu għas-salvazzjoni tiegħu.

**"Il-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem"** (Is 40:8). Isseħħ żgur u tirbaħ dejjem! •




# QALB INTELLIĠENTI

Il-professor Alessandro Carriero ta' Novara wera kemm il-qalb tajba tiegħu lejn il-foqra hi mmexxija minn moħħ intelligenti.

Meta s-sena l-oħra żar il-klinika żgħira ta' maġenb is-santwarju tal-Madonna u ra li kellna *maternity ward* malajr ħaseb li kellna bżonn ta' strument tal-ultrasound biex tgħin l-ommijiet u t-tobba jkunu jafu fejn waslu bit-tqala tagħhom. Iddeċieda li kellu jakkwistali waħda u jibgħathieli mill-Italja. Imma biex din tkun tassew ta' użu tajjeb għalina, talabni nagħtih soru li, bi flusu, ħadha fl-isptar fejn hu l-kap tad-dipartiment tar-radjoloġija, u għal tliet xhur żammha taħdem fuq l-istess tip ta' magna li kellu jibgħatli. Fl-istess waqt ra li kellna bżonn ta' siġġu tad-dentist, u għal dan il-għan ukoll ha soru oħra u ħarriġha fil-kura elementari tas-snien.

Illum iż-żewġ sorijiet jinsabu fil-klinika tiegħi mgħammra b'makkinarju ġdid fjammant, iservu fil-każijiet ta' mard ordinarju u jgħaddu oħrajn komplikati għall-isptar Ċentrali li jinsab imbiegħed minnhom.

Is-sena l-oħra ftaħna dar għat-tfal immankati. Waqt li Taljan ieħor, Antonio Minotti, ġabli l-madum taċ-ċeramika minn pajjiżu, l-istess Professur Carriero fehem li dawn it-tfal se jkollhom bżonn tal-massaġġi.

Waqt li ddeċieda li jakkwistali dak kollu meħtieġ għall-fisjoterapija, ħadli wkoll infermiera ta' esperjenza biex titħarreġ sewwa kif tagħmel il-massaġġi. In-nurse diġà ġiet lura u tinsab Malindi, tistenna dan il-makkinarju jasal jew dan ix-xahar jew ix-xahar id-dieħel.

Minħabba li konna diġà ħejjejna nfermier fil-kura elementari tal-għajnejn fil-pajjiż, iż-żewġ Taljani qegħdin jgħammruli l-klinika b'dak kollu meħtieġ, biex dan ukoll jgħin kemm jista' jkun, u jgħaddi oħrajn għal klinika speċjali tal-għajnejn li tinsab xi 120km 'l bogħod minn Malindi. Bl-offerti li nirċievu mill-benefatturi tagħna (L-Għomja Jaraw) inħallsu l-infermier u nibagħtu l-morda għall-kura speċjali. Bosta drabi jkollhom spejjeż doppji għax ikollhom imorru ma' ħaddieħor u jagħmlu xi jumejn jorqdu u jieklu barra mill-isptar.

Il-ħolma ta' dan il-professur hi li xi darba l-klinika tiegħi ssir *day hospital!* •

## BAZAAR B' RIŻQ IL-MISSJONI KAPUĊĊINI

### Organizzat mill-GRUPP FAMILJI FRANĠISKANI FLORIANA bejn il-Ħadd, 8 u l-15 ta' Novembru 2009 fiċ-Ċentru Kultura Franġiskana, Floriana

**Kull min għandu xi affarijiet (mhux ħwejjeġ) li jistgħu jinbiegħu f' dan il-bazaar huwa mitlub li jeħodhom fl-Uffiċċju Missjuni Kapuċċini - Floriana. Nirringrazzjawkom bil-quddiem tal-attendenza tagħkom.**Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9pm fuq RADJU MARIJA (102.3 FM għal Malta u 107.8 FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6 ta' filgħodu, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helen Sammut.





# Smajt leħnek

Tant ħlejjaq li ħlaqt int
ikellmuni Mulej;
jgħajtu aktar minni -
aktar mill-istorbju ta' madwari
ġewwa l-belt
fil-ħajja tax-xogħol, tal-flus,
tad-divertiment..

B'leħen wieħed jinstemgħu
ixandru foħritek.
Il-kobor tal-qawwa tiegħek -
egħġubijietek.
Int ħlaqt din id-dinja għalina l-bnedmin;
Iżda aħna kissirna, farrakna
qridna kull ekwilibriju
fin-natura li int b'tant delikatezza
Ħlaqt.

B'guffaġni -
Lanqas nitfa mħabba
aħna qtajna s-siġar
qridna l-widien
keċċejna l-annimali ċkejknin
kissirnielhom djarhom
biex nibnu djar għalina -
blokok ta' konkrit -
ċass u kiesaħ -
bħall-qlub tagħna.

Infittex Mulej
li nisimgħek f'kull ħlejqa.
Dawn l-ilħna li nifdu,
li jidwu f'widnejja..
Sa fl-aħħar qed nisma'
sa fl-aħħar qed nara –
ħiereġ minn storbju
ta' disco
ta' pub
Tal-bliet bil-kjuwijiet ta' karozzi -
nies fis-sakra
żgħażagħ imdejqa -
drogati
użati
minn min irid jisfruttahom.
Bla sold fil-but
bla mħabba fil-qalb tagħhom -
waħidhom.
L-imwieġ ta' lewn ikħal
imelles ir-ramel
jew iħabbat kollu qawwa
mal-blat iebes...
fakkarni f'dawk għajnejk sbieħ
żoroq, Ġesù.

Is-siġar kollha ħajja u ħdura
minn kull lewn u kull sura -
għamliet diversi
ta' fjuri u xtieli..
Il-kampanja miżgħuda bihom.
Ifewħu madwarhom
kullimkien -
Ifakkruni fil-ġmiel u fil-bjuda
ta' lbiesek Mulej,
fil-ġmiel ta' dik ħarstek -
imħabba u ħniena.

Irrid nerġa' lura Mulej
fi ħdanek;
biex naħrab mill-konfużjoni -
l-istorbju -
il-mużika ddamdam –
bla ma timla lil qalbi...
Infittex ftit kwiet
bil-għatx ruħi
ġiet tfittxek fil-ħemda;
fil-ġmiel ta' għasfur ċkejken,
sidru ħamrani,
għajnejh ileqqu sbieħ;
ikanta dik l-għanja
li għallimtu int,
u jemmen -
jittama
li għada se jkollu x'jiekol
u x'jitma' liż-żgħar tiegħu.




# IL-KANĊER TAL-PULMUN



Il-kanċer tal-pulmun jibqa' l-aktar kanċer li joqtol fid-dinja kollha. M'hemmx dubju fuq ir-rabta mill-qrib bejn it-tipjip u dan il-kanċer li f'ħafna każijiet huwa nkurabbli. Jgħid x'jgħid kulħadd – li jafu b'nies li pejpu ħajjithom kollha u ma ġralhom xejn u oħrajn li qatt ma pejpu u xorta messithom din ix-xorti ħażina – nafu żur li aktar minn 90 fil-mija tal-każijiet tal-kanċer tal-pulmun huma f'nies li jpejpu jew kienu jpejpu.

## X'INHUMA R-RISKJI?

It-tipjip huwa l-akbar riskju u nafu li min ipejjep għandu mill-anqas 10 sa 30 darba aktar li jiżviluppa dan il-kanċer qerriedi. Dan ir-riskju jkompli jikber aktar ma' wieħed ipejjep u n-numru ta' snin li wieħed ikun pejjep. Ir-riskju jiżdied ħafna wara għoxrin sena ta' tipjip.

Anki jekk wieħed jieqaf mit-tipjip xorta jibqa' r-riskju fl-ewwel għaxar snin u xorta wara dan ir-riskju qatt ma jonqos għal-livell ta' dawk li qatt ma pejpu. X'ngħidu għal nies li jgħixu ma' xi ħadd li jpejjep – xorta hemm riskju ta' 1.2 sa 2 darbiet iżjed.

Hemm riskji oħrajn għall kanċer tal pulmun. Dawn jinkludu: asbestos, arsenic, raġġi, kimiċi trabijiet metalli u gassijiet naturali (radon), kif ukoll dħaħen mill-vetturi, fabbriki u heaters tal-injam u tal-faħam. Il-ġenetika hija wkoll importanti f'nies li kellhom dan il-kanċer f'xi ħadd mill-familja – speċjalment ġenituri jew aħwa. M'hemmx età għal dan il-kanċer, iżda dan mhux komuni taħt l-erbgħin sena. Minn hemm 'il quddiem ir-riskju jiżdied bil-mod aktar ma jgħaddu s-snin u kemm wieħed jpejjep.

## X'INHUMA S-SINTOMI?

1 **Sogħla** – l-aktar jekk din tiżdied jew tinbidel.

2 **Bili bid-demm, dejjem kellem tabib** – jista' jkun il-bidu.

3 **Qtugħ ta' nifs** – it-tumur jibda jagħlaq il-pajpijiet tan-nifs jew jifforma l- "ilma" fil-borża ta' madwar il-pulmun jew tal-qalb.

4 **Ħanqa ġdida** – it-tumjur jaffettwa l-korda vokali fejn il-pajp tan-nifs.

5 **Uġigħ fis-sider** – dan jiġri meta t-tumur jibda jimiss in-nervituri, kustilji u l-borża ta' madwar il-pulmun, jew glandoli tal-pulmun.

6 **Sinjali ta' bronkite li ma jridx jgħaddi** – it-tumur iżid l-infezzjonijiet tal-pulmun l-aktar meta jsodd il-pajpijiet tan-nifs prinċipali.

7 **Jonqos il-piż, jitlaq l-aptit u għejja mhux tas-soltu.**

8 **Nefħa fil-wiċċ, l-għonq u uġigħ ta' ras** – dan jiġri meta tingħafas il-vina prinċipali li trodd lura d demm lill-qalb.

9 **Uġigħ qawwi fl-għadam** – it-tumur ikun diġà nfirex fl-għadam l-aktar il-kustilji, l-irklekel tad-dahar u l-qatas.

**10 Sinjali li jkun inxtered:**

- **Fwied** – suffejra, għejja kbira u jonqos ħafna l-piż.
- **Moħħ** –aċċessjonijiet, tibdil fil-personalità, konfużjoni u nuqqas ta' saħħa fir-riġlejn jew dirgħajn.

**11 Anemija, trombożi tar-riġlejn u deni persistenti.**

**12 "Tebgħa" fuq x-ray tas-sider bla ebda sintomi.**

## X'TESTIJIET ISIRU?

L-ewwel trid tittieħed storja u jsir eżami mediku dettaljat mit-tabib. Wara jridu jsiru x'uħud minn dawn it-testijiet skond il-każ.

1 **X-ray tas-sider** – tumuri żgħar jistgħu ma jinqabdux.

2 **CT scan tal-pulmun, fwied u tal-glandoli (adrenals li jinsabu fuq il-kliewi).** Dan huwa x-ray dettaljat ħafna li jagħti ħafna informazzjoni lill-ispeċjalista anki f'dak li hu firxa tat-tumur u staging (ara aktar l-isfel).

3 **Bronchoscopy** – nittawlu fil-pajpijiet tal-pulmun u wieħed jista' jara t-tumur jew l-effetti tiegħu fil-bronki u jittieħdu kampjuni. Importanti wkoll għax it-tabib isir jaf x'tip ta' kanċer hu mill-kampjuni.

4 **PET scan** – X-ray speċjali aktar sofistikat minn CT scan li jaqbad ukoll postijiet oħra fejn it-tumur seta' jkun infirex. Dan l-eżami sfortunatament għad m'għandniex Malta.

5 **Biopsy** – kampju mit-tumur jittieħed waqt *bronchoscopy* jew bl-labbra speċjali taħt is-CT scan. Kampjuni wkoll jistgħu jittieħdu minn glandoli li jistgħu jkunu minfuħin. tista' wkoll issir b'operazzjoni żgħira fil-pulmun bil-Camera (*video assisted thoracoscopy / mediatinoscopy*), jekk dawn t'hawn fuq ma jwasslux għal dijanjosi.

## X'INHUMA T-TIPI TAL-KANĊER TAL-PULMUN U KIF JIĠU KKURATI?

Illum il-ġurnata naqsmuhom f'żewġ tipi prinċipali skont it-tip ta' celloli tat-tumur li l-patologu jidentifka taħt il-mikroskopju.

1 **Small cell lung cancer** – qabel magħruf bħala "oat cell"

- Lanqas wieħed komuni (10 sa 15% tal-każi) però aktar aggressiv jinfirex malajr u joqtol malajr. Huwa l-aktar wieħed marbut mat-tipjip. Iżda dan jirrispondi għall *Chemotherapy* u r raġġi. Anqas minn 40% jgħixu aktar minn sentejn.

2 **Non-small cell lung cancer**

Tliet tipi

- **Squamous** – komuni u jibda l-aktar bil-bronki prinċipali – jista' jiġi kkurat bir-raġġi u forsi b'operazzjoni jekk jinqabab "fil-ħin" u ma jkunx laħaq infirex.
- **Adenocarcinoma** – qed jiżdied ħafna u sar l-aktar wieħed komuni. Ġeneralment insibuh anki f'min ma jpejjipx (xorta ħafna aktar komuni f'min jpejjep). Jiżviluppa l-aktar fil-parti ta' barra tal-pulmun. Jiġi kkurat bil- Chemotherapy u raġġi jew operazzjoni.
- **Large cell carcinoma** – inqas komuni u l-kura hija l-istess bħall-oħrajn.

Il kura li tcżiəti huma r raġġi, *chemotherapy* u operazzjonijiet. Illum bdew isiru x'interventi waqt il-*brochoscopy*. Sfortunatament il-kura għal dan il-kanċer tant qerriedi sservi biex ittawwal il-ħajja u żżomm il-pazjent komdu. Rari jinqabad fil-bidu u fil-parti l-kbira tal-każijiet ikun laħaq infirex lil hinn mill-pulmun u għalhekk ma jkunx possibbli ssir operazzjoni biex jitneħħa għax inkella jinfirex iżjed. Barra minnhekk, ħafna drabi jkun irid jitneħħa pulmun sħiħ u ħafna mill-pazjenti ma jkunux jistgħu jiġu operati għax tant ikunu għamlu ħsara bit-tipjip li ma jgħaddux b'pulmun wieħed. Għalhekk operazzjonijiet biex jitneħħa t-tumur huma rari. Kull pazjent jiġi riferut lill-onkologu (speċjalista tal-kanċer) u jsir dak li aħna nsejħulu "staging" (huwa sistema ta' kemm hu kbir u fejn il-kanċer) u l-kura tingħata skond dan.

Bħala tobba għandna l-obbligu li nżommu l-pazjent komdu kemm jista' jkun matul dan iż-żmien ta' tbatija, għalih u għall-familja ta' madwaru. Il- Malta Hospice Movement jipprovdu servizzi mprezzabbli għall-pazjenti bil-kanċer u l-familjari tagħhom. Ta' dan nixtieq nirringrazzjahom.

Il-kelma t-tajba tat-tabib li jixtiqilna l-ġid u jibqa' jwissina fuq it-tipjip qatt m'għandna neħduha biċ-ċajt jew naħsbu li l-kanċer qatt ma jista' jolqot lilna. Dan il-kanċer jibqa' l-aktar kanċer li joqtol lill-irġiel u fil-każ tan-nisa qed jiżdied ħafna għaliex illum n-nisa saru jpejpu kważi daqs l-irġiel. Għalhekk qegħdin nistennew il-każijiet ikomplu jiżdiedu f'qasir żmien. Illum hawn ħafna mezzi kif inwaqqfu t-tipjip u b'dasxejn rieda tajba u sagrifiċċju jirnexxielna. Il-ħajja hija sabiħa – nibżgħu għaliha u għal dawk ta' madwarna.

**Nixtiqilkom is-saħħa.** •



Kull min iħobb l-annimali għandu jieħu gost jaqra din l-istorja li ġrat fil-belt ta' Palermo fi Sqallija u li kienet ippubblikata f'rivista Taljana.

Il-kelba li dwarha hu mibni r-rakkont, hija waħda ppastardjata li kienet kuntenta tgħix ħajja libera u nieqsa mill-fsied. Jisimha Bella u għandha 3 snin.

Giuseppe Vitale, Palermitan ta' 66 sena, kien iħobb ħafna l-annimali; tant li fil-ħin liberu tiegħu kien imur jgħin volontarji oħra jieħdu ħsieb annmali abbandunati. Minn ftit tas-snin 'l hawn il-port ta' Palermo sar qisu oasi fejn 37 kelb u 50 qattus jgħixu flimkien bla ma jagħtu fastidju lil ħadd; Pjuttost jaqilgħu xi żegħila mill-ħaddiema tal-port u sikwit ukoll jieklu ikel li jagħtuhom dawn l-istess ħaddiema. Dan il-port ta' Palermo huwa wieħed iffrekwentat minn yaghts kbar u sbieħ propjeta ta' nies fil-kummerċ. Kif dawn jilmħu lill-klieb u l-qtates, arahom jitimgħuhom mill-laħam u ikel ieħor li jkollhom. Dawn il-klieb u l-qtates, tant huma maħbubin li jmutu biss bix-xħuħija.

Bella ntlemħet l-ewwel darba fil-port ta' Palermo xi sena u nofs ilu. Dehret marida u kienet mimlija ponot u qurdien. Min raha ġietu ħniena minnha minħabba l-qagħda ħażina li kienet tinsab fiha u talab li jaraha veterinarju. Ingħatat doża qawwija ta' antibiotiċi u bl-iskantament ta' kulħadd, minn kelba li kulħadd kien jaħsibha se tmut, tant kemm kienet marida u maħmuġa, fi żmien xahar fieqet għal kollox. Min kien jaraha tiġri fuq il-bankini, kien jieqaf iħares lejha tant kemm kienet sabiħa. Minħabba f'hekk bdiet tissejjaħ Bella.

Filgħodu, Bella kienet tħobb tingħaqad ma' tlett iklieb oħra u flimkien kienu jagħmlu ronda mal-ħwienet u l-uffiċini viċin il-port u jimlew żaqqhom bl-ikel li jiddubbaw għax ħadd ma kien jonqos li jagħtihom milli jkollu. Filgħaxija, Bella kienet tingħaqad ma' sħabha l-klieb u l-qtates, jerħula lejn il-port u hemm jiddubbaw l-ikel mis-sidien tal-yachts u l-vapuri.

Kien il-bidu tax-xahar ta' Frar, meta f'għodwa waħda, Bella ma dehritx aktar ma' sħabha. L-aħbar tan-nuqqas tagħha malajr inxterdet u n-nies bdew jistaqsu għaliha. Giuseppe Vitale jgħid li qatt ma ġrat ħaġa bħal din – li jonqos kelb. Aktar u aktar meta wieħed iqis li l-klieb kollha huma msewwija.



# MINN TRAPANI GĦAL PALERMO



Il-ġranet bdew għaddejjin u Bella baqgħet ma dehritx. In-nies bdiet tinkwieta għax bdiet tibża li setgħet ġratilha xi ħaġa kerha jew inqabdet minn xi ħadd li ried jesperimenta fuqha b'mod illegali. Darba fost l-oħrajn, wieħed negozjant li kien iżur Palermo b'mod regolari, meta sar jaf bin-nuqqas ta' Bella, qal, li lil Bella ħadha wieħed mastrudaxxa minn Trapani għall-kumpanija billi ma kellux familja. Kien jgħix waħdu u kien iħobb ħafna l-klieb. In-nies ta' Palermo, dehru li serrħu rashom għal din l-aħbar. Lil Bella kienu jħobbuha, iżda kienu kuntenti li sabet dar u qiegħda f'idejn tajba.

Iżda għodwa waħda, dak li l-Palermitani qatt ma stennew li se jiġri, ġara. Bella reġgħet dehret mal-kumplament tal-klieb. Kienet ġiet lura. Kienet tidher għajjiena mejta għax għamlet it-triq kollha minn Trapani għal Palermo – 100 kilometru. Deher ukoll il-mastrudaxxa minn Trapani bid dmugħ f'għajnejh għax irrealizza li Bella kienet aktar tippreferi l-ħajja libera, tiġri 'l hawn u 'l hinn ma' sħabha minn dik kennijja u li fiha ma kien jonqosha xejn li offrielha hu. Kontra qalbu kellu jħalliha.

Giuseppe Vitale qal, li meta ra lil Bella hekk għajjiena, ma setax iħalliha tiġri 'l hawn u 'l hinn u ħadha għall-kenn fil-maħżen tiegħu sakemm reġgħet ġiet f'sikkitha.

"Iżda għodwa waħda, dak li l-Palermitani qatt ma stennew li se jiġri, ġara. Bella reġgħet dehret mal-kumplament tal-klieb. Kienet ġiet lura. Kienet tidher għajjiena mejta għax għamlet it-triq kollha minn Trapani għal Palermo – 100 kilometru. Deher ukoll il-mastrudaxxa minn Trapani bid-dmugħ f'għajnejh għax irrealizza li Bella kienet aktar tippreferi l-ħajja libera, tiġri 'l hawn u 'l hinn ma' sħabha minn dik kennijja u li fiha ma kien jonqosha xejn li offrielha hu. Kontra qalbu kellu jħalliha."

Hekk kif ħadet ir-ruħ, Bella mill-ewwel urietu li l-ħajja tal-kenn ma kenitx għaliha. Hija kienet tippreferi l-ħajja fil-beraħ ma' sħabha l-klieb l-oħra u l-qtates fil-port ta' Palermo.

Ma qaltlux bil-kliem, imma qaltlu bil-fatti •



# LEJN IT-TISĦIĦ TAL-VALURI MORALI U KULTURALI FL-OQSMA TAL-FAMILJA (I)

Dari b'familja kulħadd kien jifhem l-istess ħaġa, jiġifieri missier u omm bl-ulied li Alla tagħhom. Illum f'soċjetà pluralista t-tifsira hija iktar wiesgħa. Il-kunċett ta' x'inhija familja nbidel kompletament u jista' jkun hemm diversi forom u tipi ta' familji. B'danakollu l-bażi u l-aqwa element ta' kull tip ta' familja, jiġifieri r-relazzjonijiet ibbażati fuq l-imħabba, ir-rispett u s-sapport reċiproku, qatt mhu se tinbidel.

## X'INHI L-FAMILJA?

Illum diffiċli li tgħid x'inhi familja. Iċ-Charter tan-Nazzjonijiet Uniti jqis l-familja bħala **"ċ-ċellula bażika tas-soċjetà u għalhekk għandha bżonn ta' attenzjoni speċjali, għajnuna u protezzjoni"**. Il-kunċett ta' familja minn pajjiż għal pajjiż u fl-istess pajjiż jassumi għamliet differenti.

Fil-ġografija dinjija nsibu l-familja tradizzjonali, nukleari u l-familja b'ġenitur wieħed, familji miżżewġin b'rit reliġjuż, ċivili jew mhux miżżewġin, familji nsara, Lhud, Musulmani, Hindu u ta' reliġjonijiet oħra. F'pajjiżna dan il-pluraliżmu fil-familja dieħel mhux ħażin.

Irridu bħala nsara li nkunu kuraġġjużi li nkunu koerenti ma' dak li aħna nemmnu li hija l-familja u minkejja t-tibdil soċjali li naraw madwarna ma ninġarrux mill-kurrenti minn barra u minn ideat li ma jaqblu xejn mat-tagħlim nisrani. Il-wirt tal-familja Maltija minkejja d-difetti tiegħu għad għandu valur u rridu nħarsuh. Iżda fl-istess ħin bħala nsara u ċittadini, kif turi l-Kostituzzjoni tagħna, hu dmir tagħna li nagħrfu d-drittijiet u l-pluraliżmu ta' forom diversi ta' familja li nistgħu niltaqgħu magħhom.

Fl-istess ħin għal maġġoranza, l-ideal jibqa' ż-żwieġ nisrani u li ma jinħallx ħlif mal-mewt. Il-familja hi komunità ta' mħabba u respett bejn il-membri li jiffurmaw l-istess familja. Din hija forma iktar wiesa' tal-familja li ma teskludix forom oħra ta' familja. Fis-soċjetà l-familja hija l-ambjent naturali fejn il-membri jikbru u jgħixu flimkien għall-ġid tagħhom infushom u tas-soċjetà ta' madwarhom.

## IL-FUNZJONIJIET TAL-FAMILJA

Il-familja jista' jkollha ħafna funzjonijiet - fuq kollox hija post ta' mħabba u sapport reċiproku - komunjoni ta' mħabba jew sħubija limitata.



Iżda min-naħa l-oħra tista' tkun post ta' "dittatura" estrema paternalistika jew maternalistika.

Il-familja hija ukoll istituzzjoni universali għalkemm dak li jwettqu l-membri u l-funzjonijiet li l-familja għandha fis-soċjetà jiddependu mill-kultura u l-użanzi tal-post. Kien ippruvat li l-familja hija entità flessibbli li kapaċi tadatta u tirrispondi għat-tibdil kontinwu taċ-ċirkustanzi. Minkejja dan it-tibdil u t-taqlib soċjali, il-familja tibqa' tipprovdi l-qafas naturali għas-sapport emozzjonali, morali, finanzjarju, mentali u materjali. Din l-funzjoni ta' sapport hija speċjalment bżonnjuża u essenzjali għat-tfal, għall-anzjani u għall-persuni bi bżonnijiet speċjali, iżda hija vitali wkoll għas-saħħa fiżika u morali tal-bnedmin kollha u għalhekk tas-soċjetà kollha.

## IL-FAMILJA, X'TAGĦTI LIS-SOĊJETÀ?

Il-familja bħala l-iċken demokrazija ssaħħaħ s-soċjetà u tibni l-ordni internazzjonali ġdid. Il-pedamenti huma l-valuri umani u spiritwali fosthom l-imħabba, is-solidarjetà u l-ġustizzja. Dan kollu huwa kliem sabiħ li jrid jitwettaq fil-ħajja ta' kuljum bil-mod kif ngħixu.

Il-familja għadha r-riżors, l-enerġija u l-qawwa li tkun il-bennejja tas-soċjetà. Biex dan iseħħ jeħtieġ li l-familja tagħraf ir-responsabbiltà tagħha lejn is-soċjetà. Jeħtieġ li l-familji jagħtu sehemhom biex isaħħu l-etika tar-responsabbilta' u l-well being ta' kull individwu u tas-soċjetà. Jekk il-familja tagħraf u tgħix il-missjoni tagħha, allura tista' tkun tabilħaqq ċellula ħajja u dinamika ta' familji oħra u b'hekk tkun tagħti sehem konkret fit-tisħiħ tal-valuri morali u kulturali tal-komunità. Dan l-iktar jekk fi ħdan il-familja jkun hemm l-imħabba, dik l-imħabba li tagħti bla ma tistenna li tieħu, li tagħder, li taħfer u li biex tagħmel dan lesta li anki ssofri. Hu għalhekk li l-familja hi t-triq għall-ġejjieni.

Permezz tal-familja u fi ħdan il-familja niffurmaw l-individwu, li jsir ċittadin attiv fis-soċjetà. Dan ifisser li l-individwu u l-familja jridu jkunu miftuħin għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. L-ebda bniedem u l-ebda familja m'hija gżira. Il familja magħluqa tifga għax ma tieħux ossiġinu, tibqa' ċkejkna bħal pjanta bonsaj. Bħala ndividwi rridu nagħrfu d-dinjità u l-missjoni tagħna ndividwali fid-dinja. Hu għalhekk kull wieħed u waħda minna niswew skond kemm aħna nagħrfu lilna nfusna.

Fl-eżistenza ndividwali hemm ukoll l-enerġija u r-riżorsi għall-eżistenza ta' bnedmin oħra. Aħna lkoll niddependu minn xulxin. L-eżistenza u l-ħajja tagħna għandha tinfirex, tiddi bħal raġġiera u tgħajjex bnedmin oħra. Din l-eżistenza tibda fi ħdan il-ġuf tal-omm u tal-familja u għalhekk il-familja hija l-aħjar ambjent għat-trobbija tat-tfal.

## ID-DRITTIJIET TAT-TFAL

L-ulied huma t-teżor tal-familja. Anki l-filosfu Aristotile għallem li skond il-kors tan-natura, l-imħabba taż-żwieġ għandha twassal għall-ulied. Huwa importanti li meta nitkellmu dwar il-familja ma nitkellmux biss dwar id-drittijiet tan-nisa u tal-irġiel biss, iżda dwar id-drittijiet tal-ulied ukoll speċjalment tat-tfal fl-ewwel snin ta' ħajjithom. Id-drittijiet tat-tfal kollha - kemm dawk li jitwieldu minn żwieġ leġittimu kif ukoll dawk li jitnisslu minn unjoni rregulari bħalma huwa l-każ tat-tfal mnissla minn omm li mhix miżżewġa u l-ulied ta' koppja li tgħix f'rabta li la tkun skond il-liġi ċivili u lanqas skond il-liġi tal-Knisja - għandhom ikunu mħarsa. Kull tarbija għandha d-dritt li tiġi rrispettata bħala persuna umana. Għandha d-dritt li jkollha min jieħu ħsiebha, min jedukha u jwasslilha t-tagħlim reliġjuż. It-tfal ma għandhomx ipattu għall-iżball tal-ġenituri tagħhom; imma l-jeddijiet tagħhom għandhom jiġu mħarsa minn kulħadd, inkluż l-istat.

Hemm tfal li jitwieldu f'familji normali, iżda li xorta waħda huma mċaħħda minn dik it-tenerezza u l-attenzjoni li suppost jingħataw. Fost kollox it-tfal għandhom dritt biex ikollhom ħin jilgħabu u jieħdu r-rikkreazzjoni tagħhom (Karta tad-Drittijiet tat-Tfal). Illum il valuri tagħna tant tbiddlu li mhux rari li l-ġenituri jpoġġu l-ewwel il-flus, ix-xogħol u l-profitti qabel il-familja u t-trobbija tal-ulied. Anki meta l-omm tħoss il-bżonn li għandha toħroġ taħdem din għandha l-ewwel tqis l-interess ta' uliedha, spċjalment tat-trabi żgħar li s-sostituzzjoni tal-omm permezz tan-nanniet jew bajbisiters mhix biżżejjed, għax dawn jeħtieġu qabel kollox il-preżenza tal-omm fl-ewwel snin tagħhom. Min-naħa l-oħra l-missier ma jistax jittraskura d-dmirijiet tiegħu u jiddelega kollox lil martu. Illum f'dinja moderna l-vokazzjoni tal-missier u tal-omm jridu f'xulxin u għandhom ikunu kumplimentari. •



# PATRI PIETRU PAWL SCHEMBRI KAPUĊĊIN

# ĦAMSIN SENA PRESBITERU

**Patri Pietru Pawl Schembri rċieva l-Ordni Sagri fl-14 ta' Marzu 1959 minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann flimkien ma' seba' Kapuċċini oħra fi grupp ta' erba' u tletin.**

Din il-ġrajja tant importanti fil-ħajja ta' Patri Pietru Pawl taf l-għeruq tagħha fil-ministeru ta' abbati fil-knisja tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa. Matul daż-żmien qrib tal-patrijiet Kapuċċini u f'ambjent liturġiku tnisslet fih ammirazzjoni, stima u xewqa li anki hu jfassal ħajtu fuq l-ideal Franġiskan Kapuċċin.





Ta' sbatax-il sena Giovanni Schembri (l-isem tal-Magħmudija), bil-barka tal-ġenituri tiegħu, Aloysius u Concetta, flimkien ma' disa' kandidati oħra ġie milqugħ mill-Provinċjal Patri Anton Dimech minn Għawdex. F'Settembru 1949, Giovanni ta' bidu għas sena tan novizzjat fil kunvent tal-Kapuċċini f'Għawdex. Wara sena novizzjat, flimkien ma' disa' snin oħra ta' studju u formazzjoni, Fra Pietru Pawl Schembri jara l-jum tant mistenni, jum l-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu bħala tappa li mmarkatlu l-bqija ta' ħajtu bħala reliġjuż saċerdot.

Ħamsin sena ilu Patri Pietru Pawl Schembri, Kapuċċin, iċċelebrata l-ewwel Ewkaristija tiegħu fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-belt, nhar l-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu. Minn dan il-jum 'il quddiem għal Patri Schembri infetħu beraħ il-bibien għall-ħidma pastorali tiegħu b'marka Franġiskan Kapuċċina. Dan ra l-bidu tiegħu f'pastorali mal-abbatini fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Floriana. Dan il-ministeru ta' fejda fost iż-żgħar kellu mpatt posittiv fost il-ġenituri tal-istess tfal li l-għadd tagħhom wasal għal sittin

Din l-esperjenza pastorali serviet ta' tarġa għal waħda lil hinn minn xtutna, fl-art tal-Kolombja, fl-Amerika t'isfel. Il-ħidma missjunarja ta' Patri Schembri u dik ta' erba' oħra Kapuċċini Maltin li flimkien bdiet u flimkien waqfet, twalet għal ħames snin.

Mill-bidunett ħaseb li jħejji ruħu sewwa fl-iSpanjol, l-ilsien tal-lokal, li qisu bħala ħtieġa ewlenija fil-ħidma pastorali: predikazzjoni u ċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti. Ħidma li nvesta sewwa fiha kienet b'riżq l-abbatini u ż-żgħażagħ. Għal dawn tal-aħħar il-pastorali magħhom setgħet kienet grazzja li għenithom iżommu lura milli jingidmu mid-droga li fil-Kolombja kienet mifruxa bil-kbir.

Lura mill-Missjoni fil-Kolombja, Patri Schembri sab ruħu f'pastorali fil-kunvent t'Għawdex. Għal sitt snin sħaħ kien impenjat bħala: ■ viċi Mastru tan-novizzi ■ vigarju tal-kunvent ■ sagristan maġġur ■ ekonomu u ■ direttur tal-abbatini.

Lejn nofs is-sebgħajnijiet Patri Pietru Pawl kien mitlub jingħaqad fil-fraternità tal-kunvent tal-Floriana fejn għadu sa llum. Minn dak iż-żmien sa llum il-ħidma fejjieda ta' Patri Pietru Pawl Schembri kienet indirizzata bħala kappillan fost popolazzjoni anzjana u wħud ukoll morda f'dawn l-isptarijiet: ■ Lazzarett ■ Ħaż-Imien ■ San Vincenz de Paule u ■ l-Imtarfa Home. Il-ħidma pastorali ta' Patri Schembri fost din il-kategorija ta' nies, mhux nieqsa minn għadd ta' problemi ta' età u mard, li twaled għal dawn l-aħħar erbgħa u tletin sena tikkaratteristika dak li 'l Manzoni iqis lill-Kapuċċin bħala il frate del popolo.

**Ad multos annos** •



*Fr Joe Alessandro, Provinċjal, flimkien ma' Patri Pelagiu Bilocca (xellug) u Patri Pietru Pawl Schembri (lemin) f'ċelebrazzjoni li jfakkru l-Ħamsin Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali tagħhom nhar id-29 ta' Marzu 2009, fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Floriana.*

# ALLA GĦAMILNA WLIEDU



- Li ngħarfu x'inhi l-identità tagħna bħala wlied Alla,
- x'awtorità rċevejna u
- x'wirt għandna.




Meta bniedem ikollu inċident u jitlef il-memorja, ngħidu li jkun għaddej minn kriżi ta' identità. Minn mindu l-bniedem dineb tilef il-memorja spiritwali tiegħu. Jiġifieri, nesa ħafna veritajiet fuqu nnifsu li wassluh għall-kriżi serja ta' identità. Din il-kriżi ġiet megħluba meta Alla nnifsu ħa l-ġisem u għammar fostna. Dan Alla hu Ġesù, il-Mulej! Parti essenzjali tal-missjoni tiegħu kienet li jurina l-gideb li qala' fuqna x-xitan u jagħtina l-Ispirtu tiegħu biex inkunu nistgħu nagħrfu min aħna tassew u nidħlu fil-wirt li ħejja għalina l-Pa magħqud ma' setgħa li hi frott dan il-wirt.

## L-IDENTITÀ TA' WLIED ALLA

**Adottati minn Alla minħabba l-fidi f'Ġesù.**

L-identità ta' kull bniedem toħroġ mill-fatt li Alla ħalaqna fuq xbieha tiegħu. Kull raġel u kull mara huma maħluqa fuq l-immaġni t'Alla. Bid-dnub:

- ***il-bniedem nesa dan;***
- ***tfixkel dwar min hu; u***
- ***beda jagħmel xbihat foloz biex jimla l-vojt.***

Meta ġie Ġesù, ried jirrestawra din il-memorja, din ir-realtà. U ried jagħmel iktar! Ried jagħmilna ħolqien ġdid! Ried li kull min jemmen fih, ma jkunx biss xbieha t'Alla, imma wild ta' Alla! **"Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier, nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna"** (1Ġw 3:1). Meta t-Testment il-Ġdid jiffaċċja l-problema tal-identità tagħna l-Insara, jistqarr din il-konkluzzjoni meraviljuża: li aħna wlied Alla, subien u bniet. Meta l-Evanġelista San Ġwann jitkellem dwar l-identità ta' Ġesù, jsemmi wkoll min aħna aħna: **"Imma lil dawk li laqgħuh (lil Ġesù) tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu, li twieldu mhux mid-demm, lanqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla"** (Ġw 1:12-13).

- Galatin 3: 26 **"Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù".**
- Rumani 8:15-16 **"Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi, u li bih aħna nistgħu ngħajtu: ABBÀ! MISSIER!".**

Biex aħna stajna nirrealizzaw dan kollu, Alla kellu jitħabat ħafna biex jirrestawra dak li d-dnub kien farrak fina. Niftakru li waħda mit-tagħlimiet li għaliha l-Iben t'Alla ġie kienet li jżarma, jħott dak li bena x-xitan (1Ġw 3:8). Ix-xitan kien bena renju ta' qerq, gideb u biża'.

Allura, jekk għal Alla din ir-rabta bejnu u bejna hi daqshekk importanti, mela hemm fuqhiex neċċitaw ruħna dwar din l-identità tagħna. Min int? Malti, inġinier, bidwi, techinician, segretarja, direttur, għalliem, negozjant, membru fl-FFC, Rabti, Ħamruniż, fqir, sinjur... Dawn kollha juru x'int. Imma l-veru identità tiegħek, li ħadd ma jeħodilek, hi li int wild ta' Alla! •



# DAGĦBIEN KBIR



L-għani u l-fqir qatt ma resqu lejn xulxin u qasmu bejniethom minn dak li kellhom. Dejjem kien hemm dagħbien kbir bejniethom: L-għani jisloħ lill-fqir u l-fqir imut imxennaq għal ġid li tteħidlu. Ġesù fetaħ għajnejn kulħadd bix-xbieha tal-Għani u Lazzru l-fqir (Lk 16:19-31)

## QALB ĦARXA

Ir-raġel li semma' l-Imgħallem kien kburi, ħali u għama għat-tbatijiet ta' ħaddieħor. Iaqqu l-ewwel u qabel kollox. Ħbiebu huma l-għonja li minnhom jistgħa jieħu dak li temagħħom. L-Afrika mhux nieqsa mill-istorja tal-Għani u Lazzru l-fqir.

Mhux l-ewwel darba li l-bikja tal-fqir fetħet għajnejn l-għonja biex jegħrdu saħħet l-imbikkija sakemm jitilquhom għal mejta fl-art, mormijin f'rokna bla ma ħadd jagħti każhom. M'hemm l-ebda tingis fil-kuxjenza tal-għonja jekk il-ġid mibgħut minn qlub qaddisa għall-foqra jgħaddi f'idejn... Dan, jgħidu l-għonja, biex il-ġid jitqassam bil-ħaqq u s-sewwa lil kulħadd. U hekk jiġri għax l-għani jiekol il-qalba u l-fqir jitrejjaq bil-qxur li jitdal.

Il-ġieħ li jixxenaq għalih l-għani jurih bil-firxa tal-artijiet imsemmija għalih. Jekk jasal ma' xifer l-art fejn hemm il-ħaddiem u wliedu, l-għani jara kif jagħmel jixri l-art u nies isiru lsiera tiegħu. L-irġiel għax-xogħol tal-biedja u n-nisa għal-qtugħ il-għatx mill-ġibdiet tal-gisem. Jekk nies il-ħaddiem iwebbsu rashom u ma jaqblux ma fehemet l-għani jħalsuha qares għax jew jitkeċċew barra minn art twelidhom jew jispiċċaw maqtulin u djarhom maħruqa.

## FROTT L-ART U XOGĦOL IL-BNIEDEM

Il-ġuħ klubi tal-għani jġiegħlu jgħaddas idu fil-ġid tal-fqir u jiekollu kollox sa ma jħallilu l-fdalijiet.

L-għani jaħtaf f'idejh il-bejgħ tal-qotton, il-qamħirrun, il-kafè, il-weraq ta' tè, ir-ross, iz-zokkor... ħidmet il-bidwi tispiċċa bi qliegħ ta' ftit ħbub fuq palet idu.





L-għani jżomm kollox għalih taħt il-ħakma tiegħu li ma tgħarafx ħniena għajr għalih innifsu u għal butu.

## L-IMĠEWĦIN

Il fqir jindeħes mal-għani bit-tama li jixba' b'dak li jaqa' minn fuq il-mejda mimlija b'ikel bnin. Imma lanqas il-fdal ma jaqa' mal-art. U l-fqir imut fgat fix-xewqa għall-ħolma li qatt ma seħħet.

Xena ta' qsim il-qalb li turi d-dagħbien kbir li hemm bejn il-bnedmin.

Min xebgħan kuljum u min jixxennaq għal għaxja ta' lejla. Min isib l-ikel lest fuq il-mejda u minn irid jegħreq l-għaraq ta' ġbinu biex isib ponn ikel għalih u għal uliedu. Min jarmi l-ikel barra u min ilaqqat mill-bramel taż-żibel ħedjn xi lukanda lussusa. Min mejjet fis-sakra u min mejjet għall-qatra.

Din hija l-art li qiegħdin jgħixu l-bnedmin flimkein bl-isem ta' **"Aħwa"**!

Nuqqas ta' ikel iġib miegħu l-mard. Lazzru li semma' l-Imgħallem ma kellux flus la biex jiekol u lanqas biex jixtri l-mediċini li kellu bżonn. Sab ħniena mill-klieb li kienu jmorru jilagħqulu l-ġrieħi li kellu (Lk 16:21).

Dak li semma' l-Imgħallem mhux ħolma, ħrafa jew qlajja, imma s-sewwa muri fil-beraħ.

Ħafna drabi l-ftit flus li jaqbad f'idejh ħaddiem imorru iżjed għal xi ikla ħafifa milli biex jixtri l-mediċini għall-ħtieġa tal-mard li jkollu. Meta l-mard jitfaċċa fuq l-imġewwaħ jitlob 'l Alla biex ifejqu u jekk il-mard iżid ta' madwar il-marid jitolbu 'l Alla jieħdu miegħu u jqiegħdu madwar il-mejda tas-sema fejn l-ikel ma jinqos qatt.

Iż-żminjiet jiġu u jmorru, imma l-qagħda bejn l-għani u l-fqir tibqa' għal dejjem. •



# FITTEX, MUR U IBQA'

"Ejjew u taraw" (Ġw1:39) Din hi t-tweġiba li Ġesù ta liż-żewġ dixxipli ta' Ġwanni l-Battista li stqasewh fejn kien joqgħod. F'dan il-kliem insibu t-tifsira tal-vokazzjoni.

Araw kif l-evanġelista jirrakkonta s-sejħa ta' Andrija u ta' Pietru. **"Il-għada Ġwanni reġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. Hares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: "Araw il-Ħaruf t'Alla"**. Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan u marru wara Ġesù. Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: **"Xi tridu?"** Iżda huma staqsewh: **"Fejn toqgħod, Rabbi?"**, li tfisser Mgħallem. Hu weġibhom: **"Ejjew u taraw"**. U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u dakinhar baqgħu miegħu. Kienet il-ħabta tal-erbgħa ta' wara nofsinhar. Wieħed mit-tnejn li kienu semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indri', ħu Xmun Piertru. L-ewwel ma għamel mar jgħid lil ħuh Xmun u qallu: **"Sibna l-Messija"**, li tfisser Kristu.

Din hi l-vokazzjoni. Esperjenza ħajja ta' Ġesù. Li malli tiltaqa' miegħu u tieħdu bis-serjetà u tagħmlu prijorità f'ħajtek ibbidlek. Jgħinnek tagħraf aktar xi tfisser li tinsa lilek innifsek u tingħata kollok kemm int għalih. Ma żżommux għalik, iżda qalbek tant timtela bih li twasslu lil oħrajn.

Kull ġrajja ta' vokazzjoni, hi ġrajja ta' djalogu, li ma jitfissirx bil-kliem, bejn Alla u bniedem, bejn l-imħabba ta' Alla li jsejjaħ u l-bniedem li ħieles li jwieġeb 'l Alla bl-imħabba. Dawn iż-żewġ elementi tal-vokazzjoni ma jistgħu qatt jiġu mifrudin minn xulxin. Id-don tal-vokazzjoni hu kollu kemm hu ta' Alla. Il-bniedem fil-libertà tiegħu iwieġeb u jikkopera mas-sejħa ta' Ġesù.

Ġesù li **"jsejjaħ ħdejh lil dawk li ried u huma resqu lejh"** (Mk 3:13). Minn naħa għandna deċiżjoni ħielsa ta' Ġesù li jsejjaħ lil dawk li ried u min-naħa l-oħra għadna t-Tnax li **"jmorru wara"** Ġesù. Din hi l-iskema ta' kull vokazzjoni: dik tal-profeti, tal-Appostli, saċerdoti, reliġjużi, lajċi u ta' kull persuna li bi mpenn qed tilqa' s-sejħa ta' Ġesù.

Kull vokazzjoni fiha tliet mumenti: l-ewwel tfittex 'il Ġesù, imbagħad tmur warajh, u fl-aħħar tibqa' miegħu. Meta tfittex għandek il-ħerqa li ssib. U meta ssib dak li tkun xtaqt. Dak li jimliek bil-ferħ. Dak li jagħtik skop għalfejn qed tgħix. Dak li mingħajru tħoss vojt kbir. F'kelma waħda ssib it-teżor ta' qalbek lil Ġesù żgur li tmur warajh u tibqa' miegħu biex ma titilfux. Hija grazzja kbira li ftit biss nifhmu minnha dik, li Ġesù ħares ħarsa ta' mħabba lejna u għażilna għalih. Tajjeb li nifhmu kif qallilna Ġesù stess li **"Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa"** (Ġw 15:16).

Aħna biss strument f'Idejn Ġesù Il nħalluh jigwidana u jmexxina. Meta ngħid iva lil Ġesù għas-sejħa li għamilli jispiċċa li nfassal il-programm ta' ħajti jien, iżda Hu Ġesù li jfassal għalija dak li jrid minni. Jien insir propjeta ta' Ġesù.

Għalhekk jekk int żgħażugħ/a qed tħoss fik ix xrara tal-vokazzjoni fittex lil Ġesù bis-sinċerità. Għaraf int min int u Ġesù min Hu għalik u mur warajh u ibqa' miegħu u tara kif Hu biss jagħtik dak li qed tfittex il-ferħ li ma jintemm qatt. Tiżbax tgħidlu iva. **"Ġesù ma' jeħodlok xejn anzi jagħtik kollox"** (Papa Beneditu XVI). •



# L-EŻORĊIŻMU (1)

**Fit-tliet snin tal-ħajja pubblika tiegħu, Ġesù eżorċizza diversi persuni maħkuma mix-xitan.**

Fil-fatt, Ġesù:

- mhux biss ħabbar is-Saltna ta' Alla,
- mhux biss xandar l indiema mid-dnub,
- mhux biss ħafer lill-midimbin li nidmu u għamel sinjali ta' fejqan ma' persuni maħkuma minn kull xorta ta' mard,

imma spiss insibuh f'taqbida diretta max-xitan permezz tal-eżorċiżmu, meta ġabulu quddiemu persuni posseduti u tturmentati mix-xitan, kemm fuq livell fiżiku u kemm fuq livell psikiku.

L-eżorċiżmu għal Ġesù kien attività ta' importanza kbira għaliex, permezz tiegħu mhux biss kien jeħles lill-persuni mill-jasar u l-irbit tax-xitan, imma kien juri wkoll li huwa s-sid tal-ħajja, il-ħellies u s-salvatur tal-bnedmin, kapaċi li jwassal il-ħelsien minn dak kollu li lill-bniedem kien ijassru u jkissru. L-istil li Ġesù kien juża waqt li jeżorċizza persuni kien totalment differenti minn dak li kienu jużaw 'eżorċisti' oħra ta' żmienu. Dawn kienu jirrikorru għal riti xi ftit jew wisq maġiċi li Ġesù qatt ma kien juża'. Ġesù kien ikeċċi x-xjaten biss bil-qawwa tal-Kelma tiegħu, billi jordna u jikkmanda lix-xitan biex jitlaq mill-persuna, u l-qawwa tal-Kelma ta' Ġesù kienet tobbliga lix-xitan li jobdi mingħajr ma jagħmel l-iċken reżistenza. Hawnhekk tajjeb li



nagħmlu riflessjoni żgħira: forsi quddiem dan il-fatt xi wħud jistaqsu: għaliex Ġesù kien ikeċċi x-xitan mal-ewwel eżorċiżmu u l-eżorċista għandu bżonn ta' tant żmien u eżorċiżmi biex iwassal persuna għall-ħelsien sħiħ? Xi wħud iżommu li din hi prova li turi li l-persuna mhux veru tkun posseduta mix-xitan! Imma min jirraġuna hekk juri li ma jafx is-silta Evangelika fejn, wara li l-appostli, mal-ewwel eżorċiżmu ma jirnexxielhomx jeħilsu tifel mill-ħakma tax-xitan, Ġesù jagħmel diskors li fih jenfasizza l-bżonn tat-talb u tas-sawm, magħquda ma' fidi soda: 'Spirtu bħal dak', qalilhom, **'ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb'** (Mk 9:29). Minn dan jidher ċar li jeżistu każijiet li għalihom ma jkunx biżżejjed eżorċiżmu wieħed biex jinħelsu. Irid ikun hemm is-sawm u t-talb għal xi żmien, kultant anki fit-tul.

Ħaġa oħra importanti hi li l-'eżorċisti' Ġudej ta' żmien Ġesù ma kienux jorbtu l-fatt li jkeċċu x-xjaten mal-wasla tas-Saltna ta' Alla. Din ir-rabta bejn l-eżorċiżmu u l-wasla tas-Saltna ta' Alla hija xi ħaġa vitali fil-każ ta' Ġesù. Fil-fatt, għal Ġesù, it-tkeċċija tax-xitan hija 'sinjal' li s-saltna ta' Alla qegħda f'nofsna u li l-imħabba salvifika tiegħu hija preżenti u qed taħdem fid-dinja: **'Jekk jien inkeċċi x-xjaten bil-qawwa tas-sebgħa ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla'** (Mt 12:28).

Ġesù mhux biss jikkumbatti max-xitan personalment, imma ta l-istess setgħa anki lid-dixxipli tiegħu. Mid-dixxipli huwa għażel tnax li semmihom Appostli biex **'joqogħdu miegħu'** u biex **'jibgħathom ixandru l-bxara t-tajba'** u biex **'ikollhom is-setgħa li jkeċċu x-xjaten'** (Mk 3:4-15). Imbagħad din is-setgħa Ġesù jagħtiħha lid-dixxipli kollha, jiġifieri lill-Kristjani kollha (Mk 16:15-18). Minn dak il-ħin, il-Knisja ngħatat din il-qawwa li tkeċċi x-xjaten u din il-qawwa tiġi mill-kmand li jsir f'Isem ta' Ġesù li taha din l-istess awtorità (Atti 5:15; 8:7).





# NAGĦMLU ĠUSTIZZJA AKTAR MALAJR (II)

It-Tribunali Lokali kienu wkoll revoluzzjonarji għax ħafna mill-kawżi li kienu jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, issa qed imorru kollha quddiem it-Tribunali Lokali bħal ngħidu aħna l-kontravenzjonijiet u reati oħra li aktar ma jmur aktar tiżdied il-lista ta' reati li t-tribunali għandhom id-dritt jisimgħu. Fosthom riċentement żdied ir-reat tat-tipjip li jikkontempla multi fil-massimu tagħhom ta' kważi elf euro.

Dan kollu ta' vantaġġ kbir biex naqqset ħafna mill-kawżi quddiem il-Qorti prinċipali u tagħti vantaġġ lill-Ministru jiddandan b'lista ta' kawżi ġol-Qorti li dejjem qed tonqos u tagħtih raġuni li jikkongratola lilu nnifsu. Però r-realtà x'inhi? Ir-realtà hija li naqqasna t-traffiku kbir tal-kawżi quddiem il-Qorti prinċipali u kkreajna listi ta' kawżi banda oħra li ma jidhru mkien fl-istatistika, u wasalna wkoll biex għamilna privatizzazzjoni u sistema ta' *part-time judges*.

Illum il-ġurnata għandek ammont kbir ta' kawżi li qed jiġu deċiżi minn nies li għandhom is-setgħa ta' mħallfin u maġistrati u li però huma nies li qed jagħmlu dan ix-xogħol part-time u li jmur kontra l-ispirtu ta' kif missirijietna fasslu l-persuna tal-ġudikant. L-element ta' ndipendenza u mparzjalità u d-distakk li ġudikant għandu jkollu fis-sistema ġudizzjarja ntilfet kompletament u aċċettajna li wħud mill-kawżi tagħna qed jiġu deċiżi minn impjegti u nies li għalkemm ikollhom il-kompetenza professjonali ma jkunux ġudikanti fis-sens klassiku u kif fuq kollox tirrikjedi l-liġi.



Jien nifhem li f'ċerti kwistjonijiet 'żgħar' bħal multa ta' *one-way* jew *no parking* jista' jkun li mhux meħtieg li tidher quddiem maġistrat. Imma x'qed jiġri! Daħlet is-sistema li bdiet tittratta kwistjonijiet żgħar u bil-mod il-mod il-Gvern, permezz ta' *legal notices* qed tkabbar u twessa' s-setgħat ta' dawn it-tribunali privati part-time.

Hija stramba li ċerti reati fejn hemm multi ta' eluf ta' euros jinstemgħu quddiem ġudikant li mhux maġistrat jew imħallef, però hekk qed jiġri. Issa biex tgħaxxaqha dawn is-seduti tat-Tribunali Lokali daħlet il-moda li jsiru fil-ħin ta' filgħodu meta l-avukati jkunu xogħol il-Qorti u meta jiġu l-klijenti b'kawża fil-ħin ta' filgħodu wieħed ma jkunx jista' jidher għalihom billi huwa mpossibbli li fil-ħin li qiegħed il-belt tkun per eżempju t-tribunal ta' San Ġwann.

Allura x'qed jiġri? Instabet sistema 'pulita' biex l-akkużati ma jkunux assistiti u b'hekk itelfuhom id-dritt fundamentali tad-difiża. Dan huwa inaċċettabbli. Però qed jiġri b'mod regolari. Ħafna nies jkollhom jidhru mingħajr avukat u jispiċċaw jammettu l-kawża u jitilfu d-dritt tad-difiża.

Ħaġa simili qed tiġri fl-arbitraġġi ta' kolliżjonijiet fejn qed issir ġustizzja tat-*take away* ngħidilha jien, meta l-istess xogħol sa ħames snin ilu kien jmur quddiem imħallef fejn bil-proċedura formali tirregola u bil-vantaġġ li l-kawża tiegħek qed tiġi deċiża minn persuna li għandu l-ħalfa ta' imħallef. Però llum daħlet il-moda ta' din is-swift justice li mhux qed tkun ġusta xejn. Fil-fatt hemm diversi kawżi pendenti quddiem il-Qrati Kostituzzjonali fejn qed jiġu kkontestati wħud minn dawn l-inizjattivi.

Proċeduri oħra li saru huma l-ittra uffiċjali li tiġi esegwita wara tletin ġurnata minn meta tiġi notifikata u mhux kontestata li llum ġiet estiża għal talbiet sa għaxar telef lira Maltija mill-ħames telef li bdiet bihom. Din il-proċedura qed taħdem tajjeb u tnaqqas proċeduri bla bżonn. Forsi kienet tajba li kieku baqgħet limitata għal ħames telef lira biss, billi din tieħu sentenza bis-sempliċi ġurament ġewwa r-reġistru tal-Qorti.

Huwa importanti li kull miżura li tidħol tkun intiża li tħaffef is-sistema però fl-istess ħin trid tirrispetta l principji legali kollha u ma jkunx hemm short cut tal-ġustizzja. •



# "ĦAJR" MINN KUBA

Wara xaharejn li għaddejt magħkom, Ħuti u benefatturi Maltin u Għawdxin, issa li qiegħed mill-ġdid nirritorna sabiex nissokta l-ħidma missjunarja tiegħi f'Kuba nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li b'kull mod għenuni u wiegħduni li se jibqgħu jgħinuni ħalli nkompli nwettaq din il-ħidma qaddisa f'isimkom.

Kien kbir l-interess ta' ħafna li xtaqu jkunu jafu dwar Kuba, dwar il-ħidma tal-Knisja f'dan il-pajjiż u dwar it-tibdil li kulħadd jixtieq li jseħħ għal relazzjonijiet aħjar bejn Gvern u Knisja. Dan l-interess mhux daqstant dwar il-pajjiż ta' Cuba, imma aktar u aktar dwar il-preżenza u l-ħidma tagħna bħala Knisja f'din il-gżira, huwa xi ħaġa ferm pożitiva u li ammirajt ferm.

Issa li x-xaharejn tal-mistrieħ tiegħi fostkom u magħkom għaddew, nixtieq nirringrazzja lil ħafna li għenuni b'offerti ta' flus sabiex inkun nista' nkompli bil-proġetti tiegħi, fosthom: il-bini ta' knisja ġdidafil-parroċċa ta' Santa Anna, parroċċa ta' 50,000 ruħ fejn issa se jkollhom tempju ġdida b'kapaċità ta' 600 persuna u b'Ċentru pastorali li jservi għat-tagħlim tad-duttrina u attivitajiet oħra (b'kollox se jkun jiswa' €200,000); it-tqassim ta' ikel, ħwejjeġ u mediċina lill-morda u anzjani fqar; l-iżvilupp tal-ħanut tal-ħjata fejn ħafna tfajliet u nisa qegħdin jitgħallmu din is-sengħa u proġetti oħrajn li jagħmlu l-aspett tal-promuzzjoni umana fil-proċess tal-Evanġelizzazzjoni reali. Ħajr lill-Provinċja tagħna li bħala Ħuti dejjem huma pronti li jgħinuni, speċjalment l-Uffiċċju Missjoni Kapuċċini fil-Floriana, lill-Koppji Franġiskani tal-Floriana li matul is-sena kollha jieħdu ħsieb jorganizzaw attivitajiet ta' fund raising b'rizq il-Missjoni f'Kuba, lill-Mission Fund tal-Mosta, lill-parroċċa ta' Wied il-Għajn li qiegħda f'ġemelaġġ mall-parroċċa tiegħi f'Kuba (it-tnejn huma ddedikati lil Santa Ann), lill-Kurja kemm ta' Malta kif ukoll ta' Għawdex, lil Prayer Group 'Christ The King' ta' Ħal Balzan, u lil ħafna oħrajn li forsi b'sagrifiċċju personali ħarġu l-flus minn buthom sabiex jgħinu lil minn hu fil-bżonn aktar minnhom.

Grazzi fuq kollox għat-talb u s-sagrifiċċji li l-Maltin u l-Għawdxin joffru ta' kuljum b'rizq il-missjunarji u l-artijiet tal-Missjoni. Nammira ferm l-ispirtu missjuanrju li f'Malta u Għawdex għadu qawwi. Grazzi lil kulħadd u l-Mulej jagħtikom is-sliem.

***Fr Philip Cutajar***
***Franġiskan Kapuċċin***
***Missjunarju f'Cuba***

**BANK ACCOUNT:**
**CAPUCHINS CUBA MISSION FUND**
**FR PHILIP CUTAJAR - HSBC 044 023 968 050.**
**TEL. CUBA: 0053 42 20 65 54.**



# NOVEMBRU IX-XAHAR TAL-ERWIEĦ

Fil-gżira ta' Għawdex kif ukoll f'Malta (nitkellmu dwar dawn iż-żewġ gżejjer, għax aħna hawnhekk ngħixu), ix-xahar ta' Novembru huwa xahar għażiż ħafna għax ifakkarna f'dawk li ħallew dan il-Wied tad-Dmugħ u għaddew għall-ħajja aħjar. Fil-fatt, dan il-ħdax-il xahar tas-sena jiftaħ b'jumejn għeżież ħafna għalina l-insara: il-festa tal-Qaddisin Kollha u eżatt l-għada, jum iddedikat lill-Erwieħ Mejtin Kollha.

Matul dawn il-jumejn u tul il-bqija tal-jiem li jiġu wara, niesna għandhom id-drawwa qaddisa li jżuru ċ-ċimiterji tagħna mferrxa m'Għawdex kollu. Ħafna mil-lapidi ta' fuq l-oqbra jieħdu ħasla u tindifa wara forsi ġimgħat u xhur ta' telqa u bukketti ta' ward ikkulurit u xemgħa tixgħel iżejnu l-oqbra tal-mejtin tagħna. Isir ħafna talb u xi demgħa ma tonqosx. Ħafna tarahom sejrin xi passiġġata fin-nofs ta' nhari meta s-Sajf ta' San Martin iħajrek toħroġ tagħmel xi żewġ passi fil-kampanja li issa tkun laħqet ħadet xi bexxa xita, waqt li żjara liċ-ċimiterju ma tonqosx.

Tista' tgħid li kull parroċċa għandha ċ-ċimiterju tagħha u dan dejjem tara li jinżamm fi stat tajjeb. Fin-Nadur u fix-Xagħra qed isir kull sforz biex il-parruċċani jkomplu jtejbu u jkabbru dawn l-imkien qaddisa waqt li f'San Lawrenz l-ex Kappillan Dun Mikiel Borġ kien stinka ferm biex jagħti lir-raħal ċimiterju adegwat u modern. Il-Qala wkoll gawdiet mill-inizjattivi ta' wieħed mill-arċipreti tagħha Dun Anton Sultana li fi żmienu kien ra li biswit il-knisja qadima tal-Kunċizzjoni l-Qalin ikollhom midfen kif tassew jixraqlu l-poplu t'Alla. Ix-Xewkija wkoll għandha ċimiterju kbir u miżmum b'ċerta għożża u biswitu eżatt insibu ċ-ċimiterju magħruf bħala



'tal-Barmil' jew ta' 'Santa Marija' fejn hemm midfuna l-maġġoranza tar-Rabtin – 'il quddiem għad insib posti hawn jien ukoll! Jiddispjaċini ngħid eżatt kif toħroġ mill-bieb ewlieni ta' dan iċ-ċimiterju tilmaħ quddiemek dehra ta' ħajt imwaqqa' li ġġarraf xhur ilu bix-xita, li radam il-pjanti u x-xtieli li kien hemm quddiemu. Naħseb li ntilfet ukoll xi ħamrija li baqgħet sejra mal-ħamla. Tgħid ma jinqalax xi proxxmu biex jerġa jtella' dan il-ħajt u jkenni l-ħamrija ta' ġol-għalqa!

Dan l-istat tal-biki diġà ktibt dwaru x'imkien ieħor, iżda issa jidher li dan l-ilment waqa' fuq widnejn torox! Mhux sew li nħallu l-bruda u l-indifferenza jirkbuna u jaħkmuna! Intant ċimiterju bi storja huwa dak li nsibu faċċata tal-knisja tal-Għonq iddedikata lil Santa Marta. F'dan iċ-ċimiterju m'għadux isir dfin u naħseb li llum jeħtieġ tindifa u dawra sewwa. Talinqas matul Novembru jkun imdawwal sewwa fuq barra.

Nemmen li n-nies tagħna għandha f'qalbha post speċjali għaċ-ċimiterji tagħna u ħafna huma dawk li jagħmlu l-almu tagħhom biex ikollhom il-qabar tagħhom għalkemm mhux dejjem faċli li tixtri wieħed, apparti l-fatt li lanqas ma huma b'xejn! Veru li xħin tmut mhux se jħalluk f'nofs ta' triq, imma kemm hi ħaġa sabiha li membri tal-familja







jkunu miġbura f'qabar wieħed b'lapida li tfakkarhom bla tbatija lil dawk li jżuru ċ-ċimiterju b'mod speċjali matul Novembru, ix-xahar tal-Erwieħ.

Novembru daħal anki fil-letteratura tagħna. Fil-fatt xtaqt nagħlaq din ir-riflessjoni billi nġibilkom hawnhekk poeżija ħelwa u qasira li darba fost l-oħrajn kiteb il-poeta Għawdxi mwieled fix-Xagħra l-kapuċċin Patri Mattew Sultana meta darba fost l-oħrajn fettillu jmur iżur iċ-Ċimiterju tal-Addolorata:

***'Dħalt fil-t'Ommna Mnikkta***
***Mort biex nitlob għal kulħadd;***
***Qrajt il-kitba ta' fuq l-oqbra –***
***W erġajt ħriġt; ma tlabt għal ħadd!***

***Għal min titlob! Matul ħajtu***
***Kulħadd kien qaddis, kif qrajt;***
***ħriġt ngħid waħdi: 'Mela jiena***
***għax brikkun, ngħix sallum bqajt!'*** •



# IL-BOLOL TA' MALTA (17)

## IS-SENA INTERNAZZJONALI TAT-TFAL



L-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda għażlet is-sena 1979 bħala s-Sena Internazzjonali tat-Tfal. L-għan prinċipali ta' din is-sena kien li t-tfal ikunu ċ-ċentru tal-attenzjoni fid-dinja speċjalment dawk it-tfal li qed jgħixu f'kundizzjonijiet ħżiena fil-pajjiżi fqar. Malta minn dejjem tat importanza kbira lit-trobbija u l-edukazzjoni tat-tfal. Fit-13 ta' Ġunju l-Posta ħarġet sett ta' tliet bolol taż-2ċ, 7ċ u 11ċ magħżula minn fost it-321 disinn tat-tfal mill-iskejjel primarji. It-tfal kienu Alexandra Bonnici, Anton Pisani u Michelle Fenech.

## IL-ĦAJJA FIL-BAĦAR



Fl-10 ta' Ottubru 1979 il-Posta ħarġet sett ta' erba' bolol dwar il-ħajja f'qiegħ il-baħar b'disinni ta' Raymond Pitré. Il-bolla taż-2ċ turi l-gibbula nivosa li huwa mollusk jew bebbuxu ttikkjat bl-abjad li jeżisti biss bl-ibħra madwar Malta. Dik tal-5ċ turi l-caretta caretta, il-fekruna li tgħix fil-baħar u komuni ħafna fil-Mediterran. Tas-7ċ turi l-coryphaena hippurus jew il-lampuka li tinqabad f'Malta bejn Awwissu u Diċembru. Il-bolla tal-25ċ turina l-pinna nobilis, l-ikbar mollusk tal-Mediterran li huwa komuni f'pajjiżna.

## MILIED 79



L-erba' bolol tal-Milied li ħarġu fl-14 ta' Novembru, fuq disinn ta' Emvin Cremona, juru dettalji minn żewġ pitturi tal-magħruf Ġużeppi Calì u li jinsabu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien. Il-bolol taċ-1ċ+5m u tas-7ċ+1ċ5 juru dettalji min-Nativitá filwaqt li dawk tal-5ċ+1ċ u tal-11ċ+3ċ juru dettalji tal-Ħarba mill-Eġittu.

## TAPIZZERIJI FJAMMINGI (4)



Fit-30 ta' Jannar 1980 l-Posta ħarġet ir-raba' u l-aħħar sett ta' bolol dwar it-tapizzerji famużi tal-Kattidral ta' San Ġwann. Il-bolla taż-2ċ turi l-Istituzzjoni tal-Ewkaristija u tat 8ċ turi l-Qerda tal-Idolatrija, it-tnejn magħmulin fuq il-pittura ta' Peter Paul Rubens u huma fost l-isbaħ mill-kollezjoni tat-tapizzerija. Il-bolla tal-50ċ turi lill-Gran Mastru Perellos li kkummissjoni t-tapizzerija għall-Kattidral ta' San Ġwann. Dan kien l-aħħar sett ta' bolol iddisinjat mill-Kavallier Emvin Cremona.

## RESTAWR TA' MONUMENTI STORIĊI



Il-konferenza ġenerali tal-UNESCO li saret Pariġi fl-1978 iddeċidiet li tinkoraġġixxi kampanja internazzjonali biex tipproteġi l-monumenti u siti storiċi f'Malta. Intagħżlu erba' siti speċjali li dehru fis-sett ta' bolol li l-Posta ħarġet fil-15 ta' Frar 1980. Il-bolla taż-2ċ5 turi l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni li jmur lura għas-sena 2,500 Qabel Kristu; tas-6ċ turi l-Palazz de Vilhena tal-Imdina magħruf għall-istil barokk; f'tat-8ċ naraw iċ-Ċittadella, ċentru tal-ħajja Għawdxija minn żminijiet klassiċi; tat-12ċ turi l-Forti Sant'Jiermu, ċentru tal-fortifikazzjonijiet li raw battalji kbar u pproteġew il-Port il-Kbir u l-bliet ta' mad-dawra. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

# KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

### Kemm għandna bolol b'kollox f'dawn il-ħames settijiet?

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Ottubru kienu:**

1. **Paul Borg, Regent Place/6, Triq Nazju Falzon, Birkirkara BKR2551**
2. **James Borg, Lourdes/3, Triq il-Ġewża, San Ġwann 2450**
3. **Raymond Falzon, "Santa Marija", Triq Santa Katerina, Gudja GDJ1113**



# IL-KUNSILL LOKALI TAL-GĦARB, GĦAWDEX, JONORA LIL FR SPIRO GALEA KAPUĊĊIN

FR SPIRO GALEA, Vigarju Ġenerali tal-Isqof ta' Garissa, il-Kenja, nhar id-29 t'Awwissu 2009, irċieva **"Ġieħ l-Għarb"** mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta' Jum l-Għarb.

F'din l-okkażjoni li saret fil pjazza tar raħal, kien:

- ***iffirmat ġemellaġġ mal-Kunsill Lokali ma' villaġġ fil-Provinċja ta' Lecce, l-Italja, u***
- ***mogħtija xi rikonoxximenti fosthom "Ġieħ l-Għarb" lil Fr Spiro Galea OFMCap.***

Preżenti għal din l-okkażjoni flimkien mas-Sindku, is-Sur David Agius Apap u l-Kunsilliera u għadd ta' mistiednin, kien hemm ukoll l-Isqof Nikol Cauchi, il-Ministru għal Għawdex, is-Sinjura Giovanna Debono, u s-Segretarju Parlamentari fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Dr Chris Said.

Fr Galea presbiteru għal dawn l-aħħar 44 sena qed ifakkar ukoll 32 sena ta' ħidma missjunarju fil-Viċi Provinċja Kapuċċina fil-Kenja.

Bħala missjunarju ddedika dawn is-snin kollha fid-Djoċesi ta' Garissa fejn minn Mejju 2003 inħatar mill-Isqof Pawlu Darmanin bħala Vigarju Ġenerali. Nofs is-snin li ilu missjunarju għaddihom fl-istazzjoni (parroċċa) ta' Hola flimkien ma' Fr Joe Galea fejn għadu sal lum. •



# San Franġisk fid-Divina Commedia ta' Dante Alighieri

Il-figura ta' San Franġisk fid-Divina Commedia ta' Dante (li nkitbet fil-bidu tas-seklu 14) tissemma għall-ewwel darba fl-ewwel kantika, mela fl-Infern, fis-27 Kanto. Hemmhekk Dante jiltaqa' mal-konti Gibellin Guido da Montefeltro li jinnarra li kien gwerrier, imma aktar tard għażel li jsir patri Franġiskan biex ipatti għall-ħtijietu.

Però, Papa Bonifaċju VIII, li Dante kien iqisu bħala għadu kbir, jerġa' jwaqqa' lil Guido da Montefeltro fid-dnub billi jwiegħdu s-salvazzjoni, wegħda li l-papa ma jżommx:

**"Jien kont ħarrieb, u mbagħ'd kont raheb sewwa,**
**Għax, hekk imħażżem, ħsibt li ngħix tewbani;**
**U ħsieb kollu kien iseħħ fis-sewwa..."**
(bil-kurdun tal-Franġiskani)

U hawn jidħol San Franġisk:

**"Imbagħ'd, kif mitt, Franġisku ġie għalija;**
**'Mma kerubin mis-suwed li dar miegħi**
**Qallu: 'Teħdux; iżżidlix għajb mal-bqija..."**

Il-qaddis kien niżel fl-Infern biex jieħu lil Guido fil-Ġenna, imma dimonju ma jħallihx jagħmel dan, ladarba ma jistax jingħata l-maħfra dak li ma jurix dispjaċir, u huwa impossibbli li wieħed jiddispjaċih u jidneb fl-istess ħin. Għalhekk id-dimonju jieħdu quddiem Minoss, l-imħallef infernali, li jixħtu fit-tmien bolġa fejn jinsabu dawk ħatja li taw pariri ħżiena.

Wara dan San Franġisk jissemma b'aktar forza fit-tielet kantika, il-Ġenna, eżattament fil-11-il kant, fejn jinsabu l-beati għorrief. Hawn il-ġrajja ta' San Franġisk tiġi narrata minn San Tumas t'Akwinu, Dumnikan. Ta' min jiftakar li San Franġisk u San Duminku kienu ż-żewġ kampjuni tal-Knisja Militanti. San Franġisk, il-Fqajjar t'Assisi, jissimbolizza ċ-ċaħda ta' dak kollu li hu materjali, u, fl-imħabba tiegħu lejn Alla, hu meqjus bħala Kristu ieħor fuq l-art. Id-Divina Provvidenza għażlet lilhom biex tiġġedded il-komunità kristjana u timxi b'iktar qlubija u sikurezza fil-mogħdija mħejjija għaliha permezz tal-fidi.

San Tumas jgħid li San Franġisk fid-dinja kien donnu xemx, ***"nacque al mondo un sole"*** (v. 50). Hawnhekk jibda dak li jissejjaħ l-Eloġju ta' San Franġisk. San Franġisk xemx għax dawwal lid-dinja bil-ħajja qaddisa tiegħu u bl-Ordni tal-patrijiet minuri li waqqaf. Bħalma x-xemx issaħħan fiżikament lill-bniedem, hekk ukoll San Franġisk isaħħan lil ruħ il-bniedem. Xi kritiċi jgħidu li dan huwa l-aktar punt fil-poema fejn tiġi sostnuta b'daqstant saħħa u espressa b'termini daqstant drammatiċi l-antitesi bejn l-hena vera fuq naħa, u l-ħidma fiergħa tal-bniedem fuq l-oħra.

San Tumas jinnarra l-waqtiet ewlenin tal-ħajja ta' San Franġisk: iċ-ċaħda ta' wirt missieru, iż-żwieġ mistiku mal-Faqar jew il-vot tal-povertà

(**"Mara li, bħall-mewt, għaliha/**
**Biex tiftaħ biebha n-nies xejn m'hi ħerqana"; "Il-qbil, l-imġiba tagħhom ferreħija,/**
**L-imħabba tixgħel fil-wiċċ tagħhom hieni";**

**"l-għarus, imsaħħar mill-għarusa"**), il-ħeffa tat-tixrid tar-regola, it-tliet siġilli li jikkonfermaw il-ġustizzja tal-għanijiet tiegħu (1. l-approvazzjoni orali tal-Papa Innoċenzu III, 2. dik miktuba tal-Papa Onorarju III, 3. il-miraklu tal-Istimmati

(**"ħa m'għand Kristu l-għelm aħħari,/**
**Li l-weġgħa tiegħu sentejn sħaħ laqqatha"**), u fl-aħħarnett il-predikazzjoni lill-musulmani ta' l-Eġittu, ir-ritorn tiegħu fl-Italja u l-mewt milqugħa bi spirtu ta' faqar u umiltà totali. San Franġisk kien mar l-Eġittu fl-1219 fi żmien il-Ħames Kruċjata, biex jikkonverti lis-Sultan El-Melik El-Kamil li laqgħu tajjeb iżda ma kkonvertiex.

Jistgħu jinqraw versi 43 sa 117 (p. 38, PALMA)

Fil-kanto ta' wara, numru 12, San Bonaventura minn Bagnoregio, anki hu Franġiskan, jitkellem dwar san Duminku li jorbtu ma' San Franġisk ladarba t-tnejn tqabdu għat-tajjeb tal-Knisja. Imbagħad minn vers 106 'il quddiem naqraw dwar id-dekadenza tal-Franġiskani:

...ħajja fqira u umli, tal-penitenza u tat-talb, tliet karatteristiċi li huma ewlenin għall-moviment Benedittin u Franġiskan li kienu jimxu fuq il-forom esemplari tal-Kristjaneżmu Evanġeliku.



**"Iżd'issa t-triq mnejn ġriet ir-rota ewliena**
**Tinsab imwarrba għal kollox u minsija,**
**U l-qoxra tagħha immoffat sewdiena.**

**Dawk illi darba mxew warajh għaqlija,**
**Jinsabu l-lum hekk ta' fuq taħt maqluba**
**Li jidħlu dawk quddiem fil-warranija".**

San Franġisk jerġa' jissemma fil-kanto 22 tal-Ġenna, fejn jingħad li l-istituzzjoni Kristjana hija bbażata fuq it-tradizzjoni tal-ħajja fqira u umli, tal-penitenza u tat-talb, tliet karatteristiċi li huma ewlenin għall-moviment Benedittin u Franġiskan li kienu jimxu fuq il-forom esemplari tal-Kristjaneżmu Evanġeliku.

Fl-aħħarnett San Franġisk jerġa' jissemma flimkien ma' San Benedettu u Santu Wistin fil-kanto 32 tal-Ġenna, il-kanto ta' qabel tal-aħħar tad-Divina Commedia, poema magħmula minn mitt kanto u aktar minn erbatax-il elf endekasillabu.

Ta' min jispiċċa billi jgħid li Dante miet fl-1321 fil-belt ta' Ravenna fil festa tal Eżaltazzjoni tas Salib. Ġie midfun fil-knisja ta' San Franġisk ta' Ravenna. •

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aqta' min

1. Ikkastigata għad-dnubiet tagħha. (Għam 1,3)
2. Għamel għal ħuh bis-sejf. (Għam 1,11)
3. Ħarqu l-għadam ta' Edom flok difnuh. (Għam 2,1)
4. Ħeġġeġ għall-gwerra kontra Edom. (Għabd 1)
5. Ġie mqalleb ta' taħt fuq. (Għabd 6)
6. Ta' Teman jitwerwru. (Għabd 9)
7. Qal lil Ġona biex isejjaħ lil Alla. (Ġona 1,6)
8. Kien jaħti għat-tempesta. (Ġona 1,12)
9. Qabdu lil Ġona u xeħtuh il-baħar. (Ġona 1,15)
10. Se jirfes fuq l-għoljiet. (Mk 1,3)
11. Min hu ħtija ta' Ġuda. (Mik 1,5)
12. Se ssir borġ ġebel. (Mik 1,6)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħ ta' Ottubru 09 huwa Kevin Farrugia mill-Fgura Nifirħulek!**

# TISLIBA - 93



1. Ħadd m'għandu jmur għalihom. (Lam 1,4) **(5)**
2. Mhux minn dawn maħruqa. (Ħos 6,6) **(6)**
3. Il-kbir ta' Iżrael. (Eż 1,2) **(5)**
4. Trid tħllas sa l-inqas waħda. (Lq 12,59) **(5)**
5. U jidilkuh bih. (Ġak 5,14) **(4)**
6. *Niżżel* rase tliet darbiet. (1 Sam 20,41) **(5)**
7. Dan inkorla. (Ġob 32,2) **(5)**
8. Isem is-sultan. (2 Kor 11,32) **(5)**
9. L-art... in-nemus. (Għerf 19,10) **(3)**
10. Dan u l-ħmistax. (Est 9,21) **(7)**
11. u 12. Mhux lmeni waħdu. (2 Tim 2,17) **(6)**
13. Żmien *il-ġlied* u l-paċi. (Koħ 3,8) **(6)**
14. Hekk hu Alla. (1 tess 5,24) **(5)**
15. Sar hekk bħad-dawl. (Mt 17,2) **(5)**
16. Fl-erbgħa u għoxrin tax-... (Ħaġ 2,20) **(5)**
17. Saret hekk tal-għaġeb. (Apk 8,11) **(5)**
18. Żommu rwieħkom fiha. (Ġuda 21) **(7)**
19. Magni għal din. (Eżek 4,2) **(4)**
20. ...Balak u isma'. (Num 23,18) **(3)**
21. Bagħtha s-sultan lil Esdra. (Esd 7,11) **(5)**
22. Ta' Ħamat għamlu 'l ... (2 Slat 17,30) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' OTTUBRU 09:**
***1. Kilna; 2. Kmamar; 3. Ħtija; 4. Ħamsa; 5. Aqwa; 6. Assur; 7. Immut; 8. Anqas; 9. Num; 10. Jisfaru; 11. u 12. Armata; 13. Tikiku; 14. Kajin; 15. Fdejt; 16. Ġusti; 17. Ilsir; 18. Assedju; 19. Sitt; 20. Kol; 21. Ittaj; 22. Tikwi.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħ ta' Ottubru 09 huwa Victor Scerri mir-Rabat. Nifirħulek!**





# Q.T. BENEDITTU XVI DWAR QADDISIN, MARTRI U PERSUNI TWAJBA LI TAW XHIEDA FI ĦDAN IL-KNISJA KATTOLIKA SA MILL-BIDU TAGĦHA

## Kulħadd għandu ħidmiet differenti fil-għalqa tal-Mulej

Għal din il-katekeżi l-Q.T. il-Papa jlaqqagħna ma' tliet persuni li kienu ħafna qrib ta' San Pawl waqt il-ħidma qaddisa tiegħu... Barnaba, Silas u Apollo.

Hawnhekk il-Papa jibda biex jgħid li rridu nifhmu li l-Appostlu Pawlu kien bniedem miftuħ ħafna għall-kollaborazzjoni: fil-Knisja qatt ma ried li jagħmel kollox waħdu, imma li jkollu l-għajnuna ta' oħrajn.

Barnaba kien l-ewwel wieħed li ħaddan il-Kristjaneżmu u kien hu li ta l-garanzija lill-Komunità ta' Ġerusalemm, komunità li kienet għadha ma tħosshiex li tista' tafda li dak li darba ppersegwitaha, tal-konverżjoni sinċiera ta' San Pawl. Hawnhekk il-Papa jfakkarna li Barnaba kien ħa sehem fil-Konċilju ta' Ġerusalemm li matulu kien ġie deċiż li jkun hemm distinzjoni bejn il-prattika taċ-ċirkonċiżjoni mill-identità Nisranija. Madankollu, il-Papa jfakkarna li Pawlu u Barnaba kellhom nuqqas ta' qbil fit-tieni vjaġġ missjunarju tagħhom għax Barnaba ried iġieb magħhom liż-żagħżugħ Ġwanni jgħidulu Marku u Pawlu ma riedx.

Minn dan id-disgwid il-Papa jurina li anki bejn il-qaddisin ikun hemm in-nuqqas ta' qbil u kontroversji, ħaġa li tgħallimna nagħrfu li l-qaddisin ma niżlux mis-sema... huma nies bħalna, bi problemi, anzi bi problemi kkumplikati. Il-qdusija ma tfissirx li qatt ma tiżbalja jew li qatt ma tidneb... il-qdusija tikber fil-kapaċità tal-konverżjoni, tal-penitenza, u fir-rieda li terġa' tibda, imma fuq kollox, fil-kapaċita tar-rikonċiljazzjoni u l-maħfra.

Silas, magħruf ukoll bħala Silvanu, ħabbar id-deċiżjonijiet tal-Konċilju ta' Ġerusalemm lill-Insara ta' Antijokja, tas-Sirja u ta' Ċiliċja. Il-Papa jħoss li Silas kien kapaċi jagħmilha ta' medjatur bejn il-Lhud Insara u l-Insara li qabel kienu pagani, biex irnexxielu jaħdem skont l-unità tal-Knisja fid-diversità tar-riti u l-oriġini tagħha.

Skont il-Papa, Apollo kien bniedem ta' kultura u mħarreġ sew fl-Iskrittura. Ippritka f'Efesu u anki f'Korintu fejn is-suċċess tiegħu kien x'aktarx problematiku minħabba l-fatt li xi membri tal-Knisja t'hemmhekk, affaxxinati bil-mod ta' kif kien jitkellem, f'ismu ngħaqdu kontra l-oħrajn. Fil-fatt il-Papa jfakkarna li Pawlu wera l-apprezzament għal dak li għamel Apollu, imma ħadha qatta bla ħabel kontra l-Korintin li nqasmu. Min-naħa tiegħu Pawlu kitbilhom li kemm hu kif ukoll Apollo ma kenux ħlief żewġ sempliċi ministri li permess tagħhom huma kisbu t-twemmin... **"għax ilkoll għandna diversi ħidmiet fil-għalqa tal-Mulej!"**

Il-Papa jtemm din il-katekeżi billi jwissina li dawn il-kelmiet ta' Pawlu jgħoddu għalina lkoll li qed ngħixu daż-żmien... għall-Papiet, għall-Kardinali, għall-Isqfijiet, għas-Saċerdoti u għal-lajċi: "Aħna ministri umli ta' Ġesù. Aħna naqdu l-Evanġelju sakemm nifilħu, skont id-doni tagħna, u nitolbu lil Alla biex it-tixrid tal-Evanġelju u l-Knisja jkomplu jikbru fi żmienna." •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel…

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall ispejjeż tas seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
P. Crispin Tabone OFMCap,
Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana

Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.